MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru. 521/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Jospeh Abdilla**

**VS**

**Robert Debono detentur tal-karta tal-identita' numru 779853m**
**U Joseph Mary Debono detentur tal-karta tal-identita' numru 592260M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Robert Debono** u **Joseph Mary Debono**, li gew akkuzati talli:

- Nhar it-28 ta’ Frar, 2001 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, wara li fil-kapacita’ taghhom ta’ Diretturi tas-socjeta’ R & R Waste Kleaners Ltd (Company No C24313) approprjaw ruhhom billi dawru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, is-somma ta’ tmintax-il elf tminn mija u seba’ liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm18,807.33) migbura mis-socjeta’ bhala dhul f’taxxa dovuta lill-Gvern ta’ Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obblilgu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz taghhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, 294, u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri, kif ukoll illi rregistraw li ma kinux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom;

Rat il-provi kollha prodotti, senjalament l-istqarrijiet rilaxxati minnhom.

Rat ukoll ix-xhieda ta’ **<u>Paul Scicluna</u>** in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-VAT. Ezebixxa dan id-denunzja prezentata mill-VAT Department kontra Joseph Debono, Dok SP1 a folio 65 – 75. Qal li pero Joseph Debono kien assuma r-responsabbilitajiet tas-socjeta’ Waste Enterprises; mentri Robert Debono dawk fil-konfront tas-socjeta’ R & R Waste

Kleaners. Qal illi t-tnejn bdew jaghmlu hlasijiet rispettivament.

Aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, bdiet tidher **Connie Azzopardi** in rapprezentanza tal-VAT biex tiddeponi dwar il-bilanci li baqghu pendenti mill-istess imputati lejn id-Dipartiment. Baqghet tixhed fuq hekk.

**Dr Amanda Poole** ezebiet il-Memorandum and Articles tas-socjetajiet R & R Waste Cleaners Limited illi turi t-tracci tad-diretturi tal-istess socjeta' – cioe' mill-imputati.

Gew ezebiti wkoll ic-cheque images illi juru li d-Dipartiment in kwistjoni thallas l-ammont dovut bl-ispejjez dovuti.

Il-Qorti qieghda, wara dak kollu suriferit, issib htija wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante l-hlas, qieghda tillibera lil **Robert Debono** u **Joseph Mary Debono** bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------